# Ir-Reliġjon fl-Universita'

*Taħdita li saret fil-"Union" ta' l-Università*
*mill*-E.T. Mons. Prof. E. Galea, B.Litt., J.C.D., D.D.

ILU minn żmien twil jinsab fl-Istatut ta' l-Università ta' Malta artiklu li jgħid li, qabel ma wieħed ikun magħdud student fl-Università, jekk ikun Kattoliku, għandu jgħaddi minn eżami fuq ir-Reliġjon Kattolika. Dispożizzjoni tassew sabiħa u għaqlija, li jistħoqqilha kull tifħir, kemm-il darba tiftiehem taħt żewġ kondizzjonijiet. L-ewwel kondizzjoni hi li l-eżami ma jkunx taħt dak l-istandard li jixraq liż-żmien u l-istruzzjoni li jkollu żagħżugħ li ser jersaq lejn l-ogħla istituzzjoni ta' tagħlim fil-pajjiż; u llum fuq hekk aħna wisq aħjar milli konna ftit snin ilu. It-tieni kondizzjoni, imbagħad, hi li dan iż-żagħżugħ ma jibdiex jaħseb li, ladarba ta l-eżami tar-Reliġjon u, tajjeb jew ħażin, għadda minnu, issa jista' jitfa wara spallejh kull ħsieb tar-reliġjon u forsi wkoll jibda jaħseb li r-Reliġjon tajba biss għat-tfal, għan-nisa u għan-nies baxxi; imma għandu jdaħħal sewwa f'rasu li dak l-eżami li ta mhux ħaġ'oħra ħlief bieb li minn sala għaddieh għal oħra, akbar u isbaħ, fejn ir-Reliġjon għandha wkoll ikollha l-post li jixirqilha. Dan hu sewwa sew is-suġġett li l-*Għaqda tal-Malti* ta' din l-Università stednitni biex nitkellem magħkom fuqu l-lejla.

Is-suġġett hu tassew adattat bħala bidu ta' għadd ta' taħditiet oħra li jiġu wara din, ikunu fuqiex ikunu, għax f'ambjent Kattoliku, bħalma, għal grazzja t'Alla, hi l-Università tagħna, ir-Reliġjon hi l-qofol ta' kollox.

Jiena lqajt bil-pjaċir kollu din l-istedina. Hi tatni l-okkażjoni mhux biss li nerġa' nara lil dawk l-istudenti antiki li rawni drabijiet oħra fosthom, imma wkoll li nsellem lil ħafna żgħażagħ ġodda li għadhom kemm poġġew riġlejhom f'dan il-lok għoli ta' tagħlim, li nifirħilhom b'qalbi kollha u nixtiqilhom jimxu 'l quddiem fit-triq li bdew, ħalli bil-għaqal u bil-ħidma tagħhom, jirnexxilhom jiksbu dak li jixtiequ.

Ir-Reliġjon, jekk neħduha fit-tifsir tagħha suġġettiv, jiġifieri bħala virtù li għandha tinsab fil-qalb tal-bniedem, tiġbor fiha tliet dmirijiet: l-ewwel li l-bniedem għandu jkun jaf, skond il-kapaċità mentali tiegħu, it-tagħlim li għandu x'jaqsam ma' Alla u mad-dmirijiet tiegħu lejn Alla; it-tieni, li l-bniedem għandu jħares bir-reqqa kollha l-liġi t'Alla; it-tielet, li l-bniedem għandu

jagħti qima 'l Alla kif riedha Hu, kemm bil-għemil tar-ruħ, li ma jaraħ ħadd ħlief Alla, kemm bil-għamil tiegħu li jidher ukoll quddiem il-bnedmin l-oħra.

Jien miniex ser nitkellem fuq ir-Reliġjon taħt dawn it-tliet aspetti kollha, għax kont intawwal iżżejjed. Se nħalli għal kollox fil-ġenb id-dmir li l-istudent universitarju għandu li jħares il-Kmandamenti t'Alla u li jagħtih il-qima kollha tiegħu, għax ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li l-istudenti ta' l-Università huma meħlusa minn dan id-dmir. Se nkellimkom biss fuq it-tielet dmir li semmejt. L-Istudent Universitarju għandu jkompli jikber fit-tagħlim tiegħu reliġjuż, għax fil-qagħda tiegħu sewwa sew ta' student universitarju dan it-tagħlim reliġjuż aktar jixraqlu, aktar għandu bżonnu u aktar jista' jagħmel ġid bih.

## AKTAR JIXRAQLU

Imħabba biss fis-snin li għandu ta' żagħżugħ, l-istudent imissu jkabbar it-tagħlim tiegħu ta' fidi. Għandna lkoll nagħmlu dak li San Pawl qal fuqu nnifsu: Meta kont żgħir kont nitkellem ta' żgħir, kont naħsibha ta' żgħir, iżda meta kbirt tbiddilt (I Kor. 13, 11). It-tagħlim reliġjuż, biċċa mill-qalba tal-ħajja tagħna, għandu jikber fina, bħal ma jgħaddu minn fuqna s-snin aktar ma jikber fiżikament il-ġisem.

Imma aħna nħallu din ir-raġuni li tiswa għal kulħadd, u naraw xi ħaġa li tolqot aktar mill-qrib liż-żagħżugħ universitarju. X'inhu ż-żagħżugħ li jidħol fl-Università? Hu żagħżugħ li rċieva mingħand Alla intelliġenza mhix żgħira, intelliġenza li wasslitu fejn oħrajn ma setgħux jaslu, intelliġenza li tagħmillu l-qalb biex jibqa' miexi 'l quddiem fit-triq tal-għerf li qabad, għad li jaraha mimlija bi tbatija u xogħol. Hu żagħżugħ li mhux biss għandu intelliġenza, imma ta' għaqli tassew, kif igħid l-Ispirtu Santu: "Cor sapientis quaerit doctrinam" (Prov. 15, 14), hu kollu kemm hu mħeġġeġ biex iħaddem id-dehen li għandu ħalli dejjem ikabbar l-għerf tiegħu. B'din l-intelliġenza u b'din ir-rieda sħiħa tiegħu, l-istudent universitarju jikseb kapaċità ta' dehen personali biex mhux biss ikun jista' jitgħallem mingħand ħaddieħor, imma jkun jista' wkoll waħdu jħoll problemi għolja u komplikati li magħhom jiltaqa' fil-ħajja u fil-professjoni tiegħu. Jekk is-soċjetà tista' tixxebbaħ lill-ġisem tal-bniedem, minħabba fl-organiżmu tagħha, dawk li jkollhom trobbija u tagħlim universitarju, għandhom jissejħu l-moħħ ta' dan il-ġisem.

Żagħżugħ bħal dan għandu jkollu għerf akbar fil-ħwejjeġ tar-reliġjon milli għandu jkollhom oħrajn. San Tumas (2, 2, a. 6) jistaqsi jekk hux il-bnedmin kollha għandhom xorta waħda jkollhom fidi esplicita f'kollox. Wara li jagħmel xi diffikultajiet, bħas-soltu, iwieġeb li mhux kulħadd xorta waħda għandu jkun jaf il-ħwejjeġ tat-twemmin. Il-bnedmin li qegħdin aktar 'il fuq, li hu jsejħilhom *majores*, li għandhom igħallmu lill-oħrajn, li hu jsejjaħ *minores*, għandhom ikunu jafu aħjar dak li għandu x'jaqsam mal-fidi.

U bir-raġun kollu jgħid hekk, għax il-bniedem, u l-aktar dak li jagħti ruħu għat-tfittxija tal-verità, għandu jgħożż il-ħwejjeġ skond kif jistħoqqilhom. Jagħmel ħażin wieħed li għandu ħafna ġid u jaħlih kollu biex b'lussu żejjed jiżżejjen hu u jżejjen 'il daru, u ma jonfoqx ħabba biex iżomm ruħu f'saħħtu jew biex jixtri l-mediċini meta jimrad.

Fuq hekk qed niftakar f'aneddotu li darba qrajt. Wieħed astronomu kien miexi minn triq, wiċċu 'l fuq, iħares lejn il-kwiekeb. Mingħajr ma nduna ħabat mal-bankina u waqa' għal wiċċu. Wieħed li kien rah iħares lejn il-kwiekeb, qallu: "Mhux aħjar tara minn fejn int miexi milli tħares lejn il-kwiekeb?" Fid-dinja ħafna ħwejjeġ jistgħu jsiru u għandhom isiru, imma bl-ordni u l-proporzjon li ħaqqhom. Issa ħadd ma jiddubita li t-tagħrif fuq Alla u dak li għandu x'jaqsam Miegħu jistħoqqlu l-ewwel post u l-ogħla siġġu tagħna, u li dak li għandu konsegwenzi li jibqgħu għal dejjem għandna ngħożżuh aktar minn dak li għandu konsegwenzi ta' ftit żmien. Għalhekk min jittraskura l-istruzzjoni reliġjuża u mbagħad ikun kollu ħeġġa għal tagħlim ieħor ikun jonqos f'dan l-ordni, f'dan il-proporzjon.

U t-tagħlim reliġjuż mhux biss għandu jkun l-ewwel u l-aqwa tagħlim, imma hu tagħlim li mingħajru kull tagħlim ieħor ikun tlellix ta' ftit żmien li jintefa bħallikieku qatt ma kien. Fuq hekk l-Iskrittura Mqaddsa twissina: "Si quis erit consummatus inter filios hominum, si ab illo abfuerit sapientia tua, in nihilum computabitur." (Sap. 9, 6).

Fl-Evanġelju naqraw il-kelma ta' Ġesù Kristu: "Date quae sunt Caesaris Caesari et quae sunt Dei Deo"; kelma li għandha tifsir kbir u aħna nistgħu fuqha ngħidu li min ifittex kull għerf, imma ma jfittixx l-għerf t'Alla, ikun qiegħed imur kontra din il-kelma, ikun jagħti lil Ċesare dak li hu ta' Ċesare, imma jkun jiċħad 'l Alla dak li jistħoqq Lilu, li għandu l-jedd ikun magħruf

minna qabel kollox u fuq kollox: "Haec est vita aeterna, ut cognoscat te solum Deum verum" (Jo. 17, 3).

## AKTAR GHANDU BŻONN

L-Istudent universitarju mhux biss hu żagħżugħ studjuż, imma jinsab ukoll f'ambjent perikoluż ħafna; u għalhekk it-tagħlim reliġjuż hu mhux biss ħaġa li tixraqlu imma wkoll ħaġa li għandu bżonnha aktar minn ħaddieħor.

Meta ngħid li l-istudent universitarju jinsab f'ambjent perikoluż, jien ma rridx nalludi għall-istudenti sħabu, kif ġeneralment tiftieħem dil-kelma, għaliex, għall-grazzja t'Alla, l-istudenti tagħna mħumiex ta' periklu morali għal xulxin, bħalma forsi jiġri f'pajjiżi oħra. Imma meta ngħid "ambjent perikoluż", irrid nieħu l-Università sempliċement bħala lok ta' għerf. Il-Papa, darba qal lill-istudenti ta' l-Università biex jiftħilhom għajnejhom: Ix-Xjenza hi bħal inbid tajjeb: meta l-bniedem jabbuża minnu jitla' fir-ras u jgagħlu jiżbalja. Għall-bidu intom ċertament tistagħġbu għal din l-espressjoni tiegħi, imma meta nfisser ruħi sewwa, nittama li taqblu miegħi.

It-tagħlim profan, kemm ta' letteratura, kemm ta' xjenzi, jiżviluppa biċċa biss mill-bniedem, l-intelliġenza, imma aktarx ma jedukax il-volontà għat-tieba sopranaturali; għalhekk jista' jagħmilna għorrief, imma mhux tajbin. U minn hawn ġej li hu waħdu hu perikoluż, għax gwaj jekk l-għaref ikun ħażin. Nistgħu ngħidu f'dan il-każ dak li qal Fedro, f'waħda mill-ħrejjef tiegħu tat-tieni ktieb (IV): "Vis et nequitia quicquid oppugnant, ruit." Bl-istorja u bl-istatistika f'idejhom xi għorrief waslu għall-konklużżjoni li f'pajjiż fejn it-tieba hi nieqsa, l-istruzzjoni u r-regress huma fi proporzjon diretta. Għalhekk flimkien mal-għerf profan jeħtieġ li jkun hemm it-tagħlim reliġjuż u aktar ma wieħed jikber f'dak il-għerf, aktar għandu bżonn ta' għerf tal-ħwejjeġ t'Alla. Wieħed imżejjen bi gradi akkademiċi u bil-lawrja, jekk ikun bniedem ħażin x'jagħmel? Avukat, jista' jdawwar il-liġi kif jaqbillu u jkabbar il-ġlied; tabib, jista' jkun strument moħbi ta' vendetti; maġistrat, jista' jbigħ il-ġustizzja; qassis, jista' ikun assassin ta' l-erwieħ.

Jien nistħajjel li d-differenza li hemm bejn żewġ bnedmin bla reliġjon, wieħed injorant u l-ieħor għaref, qisha din: l-injurant hu miġnun, li ma għandu f'idejh l-ebda arma li biha jista' jagħmel deni; l-għaref hu miġnun li għandu f'idejh arma l-aktar

qerrieda. U minn hawn jidher kif l-għaref fil-ħwejjeġ profani għandu bżonn aktar minn ħaddieħor ikun għaref ukoll fir-reliġjon.

Hemm imbagħad raġuni oħra li għaliha l-ambjent ta' l-Università jista' jissejjaħ perikoluż, bħala lok ta' għerf: u hi xi drabi n-neċessità u xi drabi l-kurżità, issa tajba, issa ħażina, li l-istudent iħoss biex jaqra xi kotba u jistudja xi teoriji, li ma jaqblux mal-prinċipju tal-Fidi tiegħu u tal-moralità tiegħu. Bosta kittieba, kemm ta' letteratura u kemm ta' xjenza, ma jaħsbuhiex sewwa fuq reliġjon, anzi forsi huma wkoll għedewwa tar-reliġjon. Il-kotba tagħhom, billi jkunu miktubin bil-għaqal u f'sura li tiġbdek, ħafna drabi huma għaż-żagħżugħ dawk is-sireni tal-mitoloġija Greko-Romana, li bil-għana ħelu tagħhom jiġbdu lill-baħħara u jispiċċaw biex ibiddluhom f'annimali moqżieża.

Iż-żagħżugħ mogħti għall-istudju ma jistax jaħrabhom kollha u dejjem dawn il-kotba; kif jista', mela, jbiegħed minnu l-perikolu li ġej minnhom? Jagħmel bħalma jagħmlu t-tobba u l-infermieri, li, iridu jew ma jridux, ikollhom iduru b'xi morda b'mard li jittieħed: jieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex jegħilbu l-qawwa ta' l-infezzjoni. Għall-istudent il-prekawzjoni hi sewwa sew tagħlim sħiħ reliġjuż, tagħlim li jista' jżommu qawwi fil-fidi, jisma' x'jisma' kontra tagħha, u safi fl-imġiba tiegħu, iħoss x'iħoss kontra dak li hu sewwa u qaddis. Dan it-tagħlim sħiħ ta' reliġjon hu meħtieġ għall-istudent daqskemm kienet meħtieġa l-blata għal dawk iż-żewġt idjar li minnhom jitkellem Ġesù Kristu fl-Evanġelju ta' San Mattew (K. 7).

Jekk l-istudent ma jkollux il-fidi tiegħu qiegħda fuq tagħlim li jaqbel ma' l-ambjent tiegħu, imma jidhirlu li hu biżżejjed dak il-ftit li tgħallem meta kien żgħir, meta 'l quddiem jiltaqa' ma' għadu, isib ruħu armat b'armi wisq dgħajfa u jkollu jċiedi u jħalli li jkun mirbuħ.

Fl-istudent ta' l-Università nistgħu naraw ukoll iż-żagħżugħ li 'l quddiem għad ikun wieħed mill-aqwa nies ta' pajjiżu; u meta hu hekk, it-tagħlim reliġjuż hu meħtieġ għalih mhux biss għax jixraqlu u għax għandu bżonnu, imma wkoll għax bih jista' jagħmel ġid aktar minn ħaddieħor.

Il-bnedmin għandhom bżonn ta' xulxin; għalhekk kulħadd għandu jfittex li jagħmel ġid lil ħaddieħor, kif jistenna wkoll li ħaddieħor jagħmel ġid lilu. Dal-ġid jista' jkun materjali u jista jkun spiritwali. Il-bnedmin jistennew il-ġid materjali mingħand

min hu għani; iżda l-ġid spiritwali, li hu aqwa, jistennewh mingħand min hu għaref. Naraw b'għajnejna li nies ta' bla studju, dejjem jersqu lejn min jidhrilhom li aktar jaf minnhom, biex jistaqsuh pariri; u fid-diffikultajiet pubbliċi wkoll biex jaraw kif għandhom iġibu ruħhom, imorru jisimgħu lil min jaf aktar minnhom. Xi drabi, tgħiduli, jiġġerrew wara min l-aktar jaf jitkellem, avolja ma jaf xejn. Imma kieku kienu jafu li ma jaf xejn, kienu jiddieħku bih; imorru jisimgħuh sewwa sew għax jaħsbuh għaref. Dan minn dejjem kien hekk.

Fl-Atti ta' l-Appostli kap. 17, naqraw li meta San Pawl mar fil-belt ta' Atene u mqanqal mill-ispirtu qaddis u enerġiku tiegħu beda jxandar it-tagħlim ta' Ġesù, in-nies stagħġbu b'dal-kliem u ma setgħux jaraw sewwa kif għandhom jilqgħuh, jemmnuhx jew le. X'għamlu? Hadu lil San Pawl fl-Areopago, fejn kienu jinġabru l-Areopagiti, imħallfin magħrufa għall-għerf u għall-imparzjalità tagħhom. Għad li dan kollu ftit sewa, imma dejjem juri kif il-bnedmin jiġġerrew wara min jaħsbuh aħjar minnhom fil-għerf, kull meta jiltaqgħu ma' xi kobba mħabbla.

**AKTAR JISTA' JAGHMEL ĠID**

L-istudenti universitarji għad ikunu minn dawn li għandhom imorru n-nies l-oħra għall-pariri, jew li lejhom iħarsu biex jagħmlu bħalhom; u l-ġid li jagħmlu meta jkollhom tagħlim reliġjuż sħiħ hu ġid li ħadd ma jista' jqisu. Il-Papa Piju XI qal darba lill-istudenti: "Gli universitari rappresentano oggi il mondo dello studio, domani il mondo dei dirigenti; è dunque in loro realmente una luce di sommità, degna di ogni considerazione". (Civardi vol. II. p. 207). "Luce di sommità", ifisser Mons. Civardi, għax min jistudja hu destinat aktarx biex jikseb il-postijiet l-aktar għolja fis-soċjetà; għalhekk hu dawl li jwassal fil-bogħod ħafna r-raġġi tiegħu, fuq ħafna bnedmin u fuq ħafna ħwejjeġ.

Kieku tabib igħid kelma f'waqtha ta' sabar Nisrani u ta' twemmin fil-Provvidenza t'Alla; kieku avukat, lill-klijent tiegħu, inkurlat iżżejjed, ifittex iberrdu u jgħallmu kemm għandna nagħdru; kieku wieħed li studja xi xjenza juri li x-Xjenza u l-Fidi ma humiex kontra xulxin; kieku wieħed letterat, fil-kliem jew fil-kitba tiegħu juri qima lejn it-tagħlim tal-Knisja: dawna kienu jagħmlu ġid fost il-poplu aktar mill-kelma ta' qassis. Imma biex jagħmlu dan jeħtieġ li d-dawl sabiħ tat-tagħlim Nisrani jkun

ġa dawwal kull rokna tal-moħħ tagħhom; u, ma hemmx għalfejn ingħidu, jeħtieġ li l-ħajja tkun taqbel ma' dan it-tagħlim u ma jkunux bħal Fariżej: "dicunt et non faciunt".

Dak li jien għedtilkom fuq il-ħtieġa ta' għerf reliġjuż, flimkien mal-għerf l-ieħor, fl-istudent ta' l-Università, jiswa għal kull żmien. Imma donnha l-Provvidenza t'Alla trid turi li llum aktar minn qabel jeħtieġ li l-Istudent jifhem dan id-dmir tiegħu. Qiegħed ingħid hekk għax, għad li dejjem kien hemm żgħażagħ ta' din il-klassi ta' bnedmin li għexu ħajja tajba u qaddisa, dan l-aħħar Alla donnu ried iqiegħed fil-għoli lil xi wħud minnhom u jurihom bħala mudell għal sħabhom. Għandna l-Contardo Ferrini, student tal-Liġi f'Padova u f'Berlin, studjuż kbir u kittieb u professur magħruf l-aktar fid-Dritt Ruman; għandna lil Giuseppe Moscati, student tal-Mediċina u Professur fl-Università ta' Napli; għandna 'l Giorgio Frassati, student ta' l-Inġinerija. Kollha universitarji u għaqlin u għorrief: il-lum l-ewwel wieħed hu Beatu, dikjarat is-sena l-oħra mill-Papa Piju XII; it-tnejn l-oħra huma msejħin "Qaddejja t'Alla", bil-kawża ta' beatifikazzjoni miexja quddiem il-Knisja. Dan hu dawl ġdid li feġġ fis-sema. Għaliex Alla ried li llum jidher? Aħna nistgħu nwieġbu: Għax Hu ra li l-lum hemm bżonnu aktar minn qabel: il-lum li skond il-biċċa l-kbira tal-bnedmin hemm firda bejn għerf u Fidi, jeħtieġ li għallinqas l-Insara kollha jifhmuha sewwa li l-Fidi u x-Xjenza huma żewġt aħwa li jħobbu joqogħdu flimkien, li jridu u jistgħu jgħinu 'l xulxin: il-lum jeħtieġ li l-istudenti jifhmuha wkoll li jistgħu jkunu xjenzjati magħrufa u Nsara tajba.

Fl-ewwel żmenijiet tal-Knisja, quddiem il-kultura pagana tal-Greċja u ta' Ruma, il-Misserijiet tal-Knisja fittxew jagħżlu dak li kien tajjeb f'dik il-kultura u libbsuh libsa Nisranija, ħalli l-Insara wkoll kienu jistgħu jistagħnew b'dak l-għana u b'dik issbuħija. Iżjed 'il quddiem l-Għorrief tal-Knisja, bħal Santu Wistin u San Albertu Magno, urew kif l-għerf tassew jista' joqgħod mal-fidi ħajja. Dan hu wkoll id-dmir tal-għorrief Insara ta' żmenijietna, u dan donnu jrid Alla; dan hu d-dmir ta' l-istudenti ta' Università Kattolika, li jgħixu kollha kemm hi l-ħajja universitarja b'dak kollu li għandha tajjeb, kbir u sabiħ, u li jgħixu wkoll kollha kemm hi l-ħajja Nisranija bil-qawwa tal-fidi u bil-qdusija tal-għamil.

Jien mill-qiegħ ta' qalbi nixtieq lilkom u lill-istudenti kollha ta' din l-Università tagħna Kattolika li tkunu f'kollox togħġbu 'l Alla, billi timxu 'l quddiem fl-istudju tagħkom u tikbru fil-għerf Nisrani: "ut ambuletis digne Deo per omnia placentes in omni opere bono fructificantes et crescentes in scientia Dei" (Kol. 1, 10).

Iżjed minn hekk jien nara quddiemi dehra ta' ġrajja l-aktar sabiħa, li tagħmel ġieh lill-Università tagħna u lil Malta, ġrajja li nixtieqha sseħħ mill-aktar fis, meta f'din l-Università titwaqqaf kattedra ta' Apoloġetika għall-istudenti u għall-barranin ukoll, ħalli t-tagħlim li joħroġ minn hawn ikun qisu dawl qawwi u fil-għoli li, direttament jew indirettament, iwassal ir-raġġi tiegħu sa l-irkejjen l-aktar imbiegħda tal-Gżira tagħna.